MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 557/2011

**Sand & Gravel Limited**
**(C - 337)**

**vs**

**Tal-General Co. Ltd**
**(C – 24528)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet bil-gurament is-segwenti:

1. Illi pprovdiet servizzi ta’ radam ta’ materjal tal-kostruzzjoni lis-socjeta` ntimata, u dan, fuq inkarigu tas-socjeta` ntimata stess, ghall-valur ta’ elfejn, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€2,873.32);

2. Illi di piu` bieghet u kkonsenjat lill-istess socjeta` ntimata materjal tal-kostruzzjoni fil-valur komplessiv ta' tmint elef, disa' mija u tlieta u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€8,933.26);

3. Illi nonostante li s-socjeta` rikorrenti nterpellat lis-socjeta` ntimata diversi drabi biex thallasha l-ammonti lilha dovuti, din xorta wahda baqghet inadempjenti;

4. Illi in vista tal-premess, is-socjeta` rikorenti ma kellha l-ebda alternattiva ohra hlief li tirrikorri ghall-procedura odjerna in protezzjoni tad-drittijiet taghha fir-rigward, biex:

i. Is-socjeta` ntimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammonti fuq indikati;

ii. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali riferiti mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha, u bl-imghaxijiet dovuti;

Semghet l-ammissjoni tad-Direttur tas-socjeta` ntimata Carmel Spiteri, li bil-gurament tieghu ammetta t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

Illi in vista tal-ammissjoni de quo tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Tal-General Co. Ltd. hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti Sand & Gravel Limited fl-ammont komplessiv ta' hdax –il elf, tmien mija u sitt Ewro u tmienja u hamsin centezmu, (€11,806.58), senjatament kwantu ghal €2,873.32 ghal servizzi ta' radam ta' materjal edilizju, u kwantu ghal €8,933.26 ghall-konsenja ta' materjal ta' kostruzzjoni kif fuq gia` ndikat;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata Tal-General Co. Ltd. biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti Sand & Gravel Limited;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif mitluba fir-rikors promotur skont il-ligi.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------